TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 66

KAZ NRU. 77

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Joseph Mercieca
u
Messrs Hotel Ta' Cenc Gozo
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 21 ta' Mejju 1980

Chairman : G.A. Craig

B'ittra tas-27 ta' Novembru 1979 il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija tà' Joseph Mercieca mill-Kumpanija Hotel Ta' Cenc, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm sitt seduti li fihom l-appellant kien assistit mill-Onorevoli J. Debono Grech, M.P., filwaqt li l-Kumpanija Hotel Ta' Cenc kienet rapprezentata mis-Sur John Francis Zammit Manager ta' l-istess lukanda.

3. Fli statement of case l-appellant Joseph Mercieca issottometta li hu fis-26 ta' Settembru 1979, tard bil-lejl mar il-'bar' tal-lukanda biex jigbor ic-'chits' halli jkun jista' jibda jahdem. Il-'barman' infurmah li r-'reception' kien hemm il-'baby sitter' tas-Sur Rota li riedet tmur id-dar, mar ir-'reception' u sab lil din it-tfajla tghajjat u tgerger u talbitu biex iwassalha. Billi

/2. .....

jumejn qabel is-Sur Rota ma hax pjacir li l-appellant kien sejjer bi shabu tar-'reception', qal lil din it-tfajla li ma kellix ghalfejn tghajjat ghax bhal ma dejjem wassalha kien sejjer iwassalha dik in-nhar ukoll anki jekk "Mr Rota ghamilli osservazzjoni u issa qallek biex iwasslek" u fil-fatt wassalha. L-ghada ta' dan l-incident irceva l-ittra tat-tkeccija. Issottometta li a) ma kienx hemm raguni ghaliex ikeccih, b) qallu bil-flus tan-'notice' u ma tah xejn, c) l-ittra tat-tkeccija kienet rabbja, vaga, u wriet li xeba' minnhu, d) ordnalu li kien lest jilqghu fil-prezenza ta' persuni li ried hu, minghajr pregudizzju. Meta saret il-laqgha fil-prezenza ta' l-avukat V. Falzon u l-ufficjal tad-Dipartiment tax-Xoghol is-Sur A. Mili, is-Sur Rota semmielu ftit li xejn fuq l-incident tas-26 ta' Settembru izda akkuzah b' disrispett u b'insubordinazzjoni. L-appellant sostna wkoll li meta kellu twissijiet precedenti hu dejjem wera li l-akkuzi ma kienu veri xejn, infondati u s-Sur Rota ra kif ghamel biex jeqirdu minkejja li dejjem obda anzi ipprova"jirranga b'modi ohra ma dan il-bniedem imma kollu ghalxejn, Irid kollox kif irid hu u bejn li jaf li Ghawdex ix-xoghol limitat u li ma ghandniex Union u ghalhekk ma ghandu ebda difiza ghall-haddiem ahseb u ara opposizzjoni".L-appellant qal li hu kien impjegat bhala 'Night Auditor' u 'Assistant Front Office Manager, qatt ma falla,mix-xoghol u imhabba fiducja inqas ma kien jippancja u ma jithallas tas-sahra, xogholu dejjem wettqu sewwa, ghamel izjed milli kellu jaghmel izda billi ta' fuq ma jaghrafx lil ta' isfel, ma kienx hemm lok ta' domandi, difiza jew spjegazzjoni anki meta hu stess talab laqgha mal-awditur; is-Sur Rota akkuzah li kien 'prepotente'. Hu xtaq jaghmel metodu ta' xoghol biex jevita hela ta' zmien li wara l-Management kellu jaddotta. Hu kien jigi akkuzat ukoll li ma jattendix il-'Meetings' li kienu dejjem isiru fil-hin tal-mistrieh tieghu. L-appellant qal li l-atteggjament ta' konfront mieghu kien li mhabba li hu (l-appellant) kien migjub mill-'Management' ta' Ruma u ghalhekk kienu jarawh ikrah.

/3. .....

4. Ghall-Kumpanija Hotel Ta' Cenc, is-Sur John Francis Zammit issottometta li l-appellant kien gie impjegat mal-Kumpanija fis-26 ta' Mejju 1975, u l-impieg tieghu gie terminat fis-27 ta' Settembru 1979. Primarjament xogholu kien ta' 'night auditor' imma ghal xi zmien kien ukoll 'assistant front office manager', u gie assenjat dmirijiet specifici. Qabel l-1975 l-appellant kien ukoll impjegat f'posizzjoni ohra mal-kumpanija izda l-appellant kien emigra l-Kanada u wara li rega' gie kien is-Sur Rota li rega' dahhlu mal-kumpanija. Fil-bidu l-appellant beda jikkopera mal-Management izda ir-rieda tajba ma baqghetx wisq fit-tul ghax l-entuzjazmu gradatament beda jonqos. L-appellant beda juri opposizzjoni ghar-regoli u r-regolamenti tal-Management biex titmexxa l-lukanda. Beda jkun hemm glied zghir ma shabu u sar izjed serju il-quddiem, kien jikkritika kollox li jaghmel il-Management u beda jiddiehaq bl-istess Management u jimpressjona lill-impjegati li hu jista' jaghmel li jrid u li jekk xi hadd minnhom kellu xi 'complaint ' kellhom jghidu lilu halli jsolvihom. F'hafna okkazzjonijiet kien jghid lill-shabu li hu kellu l-protezzjoni ta' terzi persuni. Ta' sikwit kellu x'jghid mal-kap tad-dipartiment tieghu u dan kien qed ikun ta' hsara lill-organizzazzjoni tal-Hotel u jnaqqas id-dixxiplina b'detriment ghall-isem tajjeb u l-andament tal-Hotel u l-impjegati taghha. Mhux biss mal-kap tas-sezzjoni tieghu kellu xi jghid izda anki f'dipartimenti ohra bhal kaz meta kellu xi jghid mac-' Chef' tal-hotel, mar-Restaurant Manager is-Sur Sammy Rapa, Beda konfront mad-Dipartiment tal-'Accounts' ghax fil-fehma tieghu id-direttivi ta' dan id-dipartiment kienu inaccettabbli u dawk li kienu jahdmu mieghu ma setghux jifhmu l-agir ta' kontrarjeta' kontinwa mal-Management, u l-Management wissewh ripetutament illi kieku jibqa' sejjer hekk kien ikollhom jiehdu mizuri iebsin billi jkollhom ikeccuh mill-impieg izda l-appellant kien

joqghod ghal xi jumejn imbaghad jerga' ghal li kien. Twissijiet bdew sa mill-1976 sa lejliet li gie terminat l-impieg tieghu. Wiehed kellu jsemmi wkoll il-mod kif kien jilbes l-appellant u l-apparenza generali tieghu li ma kienetx kif ghandu jkun xieraq. U ta' dan kienu jigbdulu l-attenzjoni izjed u izjed billi kellu x'jaqsam kontinwament mal-klijenti tal-lukanda u l-pubbliku in generali. Izda ta' dan ma kienx jaghti kaz ghax kien jghid li l-Management ma kellux id-dritt jghidlu kif kellu jilbes u l-kap tas-Sezzjoni tieghu kien tah twissijiet bil-fomm izda ghal ta' xejn. Fis-sitta ta' Mejju 1976 inghatalu 'final warning' bil-miktub u intbghatet kopja lill-Labour Office Ghawdex. Kien hemm intervent minn terzi persuni u l-Management iddecieda jaghtih l-ahhar opportunita' biex ibiddel l-agir tieghu. Dan mhux biss ma biddlux izda beda konfront ma min kien ikollu x'jaqsam mieghu u kien jghid li hadd ma seta' jifhmu u li l-ohrajn kollha ma jafu xejn. Ta' sikwit kien jitlaq minn fuq ix-xoghol tieghu tar-Reception bil-lejl fejn il-presenza tieghu kienet tinhtieg necessarjament; kien ukoll jidhol f'xi kamra vojta, joqghod fuq is-sufan ipejjep u jara it-T.V. Fit-12 ta' Marzu, 1979, il-Management ghamel set ta' regolamenti kif jimxu fuqhom ghall-istagun 1979, kopji ta' dawn gew cirkolati lil kull wiehed li kien fir-'Reception' biex jaqrawhom u jiffirmawhom. Dawn ir-regolamenti kienu l-bazi tax-xoghol kollu li kellu jitwettaq mid-Dipartiment ta' 'Reception' li tieghu l-appellant kien assistent kap. L-appellant mhux biss wera li ma riedx jaccettahom dawn id-direttivi izda sostna li ma kien hemm ghal fejn jinbidel xejn u ghalhekk ma tax kaz taghhom u giet tahwida. L-appellant ma riedx jaccetta s-suggeriment tal-Management dwar il-kummissjoni mhallsa mit-'taxi drivers' u ma riedx jaccetta l-awtorita' tal-kap tieghu s-Sur Camilleri. L-appellant kien ukoll jehodha kontra dawk li jaccettaw id-direttivi tal-Management.

/5. .....

Kollox ried japprova hu u ma riedx li tidhol sistema gdida ta' kontijiet u ried jipprova illi jhalli kollox kif kien. Din is-sistema kienet giet suggerita mill-awdituri u l-imgieba ta' l-appellant ikkreat tilwim ma l-impjegati tar-'Reception.' Il-Management skopra diversi irregularitajiet li saru fir-'Reception'. Minkejja li lill-appellant kienu jinvitawh li jaghmel kritika kostruttiva, l-appellant ghazel it-triq l-ohra biex anki ihajjar lill-shabu biex ma jobdux l-ordnijiet. Fit-18 ta' Mejju 1979, is-Sur Italico Rota canfar personalment lill-appellant ghax rah jagixxi hazin quddiem zewg klijenti li kienu ser ihallsu l-kontijiet, fl-istess jum ir-'Restaurant Manager' irraporta li l-appellant qatta wiehed mic-'chit book' biex juri li hu ma kienx japprova s-sistema gdida li kien introduca l-Management u ghalhekk il-Management hariglu ittra ta' twissija ohra li tat lok ghal laqgha tal-Management u li ghaliha gie msejjah l-appellant biex jaghti spjegazzjoni ta' l-agir hazin tieghu u dak in-nhar l-appellant gie mwissi serjament u ngharraf li l-Management ma setghax jittollera agir simili. Fid-9 ta' Gunju 1979 il-Management kellu laqgha ghal dawk li kellhom x'jaqsmu mar-'Reception' u ghal din kellu jattendi l-appellant izda dan iddikjara quddiem l-'istaff' tar-'Reception' illi hu ma jattendix jekk ma jkunx hemm ukoll Dr V. Falzon, is-Sur A. Hili tad-Dipartiment tax-Xoghol u l-awditur is-Sur O. Paris. Dan juri li l-appellant ried jikkmanda hu. Inhabba dan l-agir ta' l-appellant il-Management kellu ta' bil-fors jassenja xi xoghol ta' l-appellant lill-membri ohra ta' l-istaff u kien hemm titjib izda fit-18 ta' Settenbru 1979 kien hemm laqgha ohra tal-Management u li ghaliha kellu jattendi l-appellant u f'din il-laqgha kellu jigi spjegat il-kuntratt il-gdid li l-lukanda ghamlet mal-'Hotel Tour' li minnu kienu jantecipaw 45% tax-xoghol ghall-istagun li kien gej. Din kienet laqgha mportanti hafna

/6. .....

u ghalhekk damu jistennew lill-appellant ghal izjed minn tlett sighat ghax inqas ma kien almenu nforma lil xi hadd li ma setax jattendi. Dak l-istess jum filghaxija meta l-appellant dahal ghax-xoghol qal li hu ma attendix ghax kien ghajjien. Fl-24 ta' Settembru 1979 ghal xi 10.30 ta' bil-lejl, waqt li s-Sur Rota kien hdejn il-'car park' tal-lukanda, innota lill-appellant diehel f'karrozza tas-sid il-Gozo Garage li kienet mikrija minn wiehed mill-'guests' tal-lukanda. Mieghu kien hemm tlett impjegati tar-'Reception'. L-appellant abbanduna postu u xogholu u halla minfloku 'porter' ta' 18 (tmintax) il-sena li ma kien jaf xejn mix-xoghol tar-'Receptionist' jew kif igib ruhu mar-residenti li kien hemm u dan meta l-appellant kien jaf li l-lukanda kienet mimlija u kollox seta' jigri. Din l-attitudni kienet ezempju car ta' irresponsabilita' kbira. Meta l-appellant gie lura is-Sur Rota canfar lill-appellant u wrieh is-serjeta ta' l-agir hazin tieghu. Meta l-ghada filghodu dahlu ghax-xoghol dawn qalu li kien l-istess appellant li insista biex jehodhom u li kienu qalulu li hu kien ser jikser ir-regolamenti. Ta' dan l-agir il-Management ma setghax isib raguni u fl-ahhar fis-27 ta' Settembru 1979 kellha tittiehed id-decizjoni li jitterminaw l-impieg lill-appellant. Is-Sur John Francis Zammit qal illi jekk kien hemm ghadu ta' l-appellant kien l-appellant stess ghax ma setax jifhem illi kien il-management li kellu jimmaniggja u mhux hu u li l-ordnijiet tal-'Management' kellhom dejjem jigu obduti.

5. Ghall-appellant instemghu dawn ix-xhieda:

L-avukat Vincent Falzon, LL.D. L-avukat tal-lukanda.
Is-Sur Anton Hili. Ufficjal tad-Dipartiment tax-Xoghol.
Signor Italico Rota. General Manager tal-Lukanda waqt li ghall-Kumpanija Hotel Ta' Cenc instemghu
Is-Sur Sammy Rapa. Food and Beverage Manager.

Is-Sur Joseph Camilleri. Reception Front Office Manager
Is-Sur Frankie Bajada. Receptionist
Is-Sur Frank Tabone. Receptionist
Is-Sur John F. Zammit. Personnel Manager
Is-Sinjorina Doris Sciberras. Receptionist
Is-Sur Joseph Vella. Night Porter

Gew ukoll esibiti dawn id-dokumenti:

1) Kopja ta' Final Warning lis-Sur Mercieca li jgib id-data tas-6 ta' Mejju 1977, immarkat bhala Dok.C.

2) Kopja ta' Hotel Memo minn ghand is-Sur Zammit lis-Sur J. Camilleri (Receptionist) fuq missing Foreign Exchange bid-data tat-28 ta' Marzu 1979 li gie immarkat bhala Dok. "D".

3) Kopja ta' ittra lis-Sur Zammit minn ghand is-Sur Joe Vella (bla data) li giet immarkata bhala Dok. "E".

4) Kopja ta' ittra minn ghand il-General Manager, is-Sur I. Rota lis-Sur J. Mercieca li ggib id-data tat-18 ta' Mejju 1979 li giet immarkata bhala Dok. "F".

5) Kopja ta' ittra mill-Accounts Office tal-lukanda indirizzata lil Doris Sciberras li ggib id-data tal-20 ta' Mejju 1979 li giet immarkata bhala Dok. "G" (ma' dan id-dokument hemm annessi seba' chits ohra li fli 'statement of case' qed jigu ndikati bhala Doks. 5 A sa 5 G).

6) Kopji ta' 'statements' (3 pagni) ta' diversi mpjegati tal-lukanda fuq Joe Mercieca li giet immarkata bhala Dok. "H".

7) Kopja ta' ittra lil Joe Mercieca minn ghand is-Sur I. Rota li ggib id-data tas-27 ta' Settembru li giet immarkata bhala Dok. "I".

8) Kopja ta' minuti ta' meeting li sar fl-4 t'Ottubru 1979 li giet immarkata bhala Dok. "J".

/8. .....

9) Kopja ta' ittra minn ghand is-Sur J. Mercieca lis-Sur I Rota li ggib id-data tas-6 t'Ottubru 1979 li giet immarkata bhala Dok. "K".

10) Kopja ta' ittra minn ghand is-Sur I. Rota lis-Sur J. Mercieca li ggib id-data tad-9 t'Ottubru 1979 li giet immarkata bhala Dok. "L".

11) Kopja ta' ittra minn ghand is-Sur A. Hili tad-Dipartiment tax-Xoghol indirizzata lis-Sur I. Rota li ggib id-data tas-17 t'Ottubru 1979 li giet immarkata bhala Dok. "M".

12) Kopja ta' ittra minn ghand is-Sur Rota lis-Sur A. Hili tal-Labour Office ta' Ghawdex li ggib id-data tat-22 ta' Ottubru 1979 (b'acknowledgement anness maghha) li giet immarkata bhala Dok. "N".

13) 'Punch Cards' li gew immarkati bhala Dok. "O".

14) Kopja fotostatika ta' ittra minn ghand is-Sur I. Rota lil Messrs J. Tabone and Co. li ggib id-data tas-6 ta' Novembru 1975 li giet immarkata bhala Dok. "P".

15) Kopja fotostatika ta' set ta' "punch-cards" innumerati mill-1 sal-44 (hdax-il pagna) dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. "Q".

16) Kopja fotostatika ta' "Continuation Sheet No. 2" bid-data tas-6 ta' Jannar 1977 mibghuta minn ghand Messrs J. Tabone & Co. li giet immarkata bhala Dok. "R".

17) Kopja fotostatika ta' ittra ndirizzata lis-Sur J. Mercieca minn ghand is-Sur Longo li ggib id-data tal-10 ta' Frar 1977 li giet immarkata bhala Dok. "S".

6. <u>Xhieda fil-qosor.</u> <u>Dr. Vincent Falzon, LL.D.</u> qal li mieghu gieli kien hemm certu tgergir mis-Sur Rota li l-appellant ma kienx qed jobdi l-ordnijiet li kienu jinghatawlu dwar 'accounts' kif ukoll fuq id-dipartiment tieghu,mal-impjegati l-ohra fir-'Reception' u li hu dejjem ipprova jikkalma l-affarijiet. Hu kien kellem lill-appellant u qallu li d-direttivi kif ghandhom isiru 'l-accounts' kellu jobdihom. Kien dejjem jikkalmah izda l-affarijiet baqghu sejrin u darba minnhom is-Sur Rota kien cempillu u qallu li lill-appellant ma setax jissaportih izjed u kellu jaghtih in-'notice' - spjegalu l-incident tal-gurnata ta' qabel, meta l-appellant halla r-Reception bil-lejl ma 'porter' u hareg ma tlieta ohra tar-'Reception' bil-karrozza. Is-Sur Rota qallu li dan l-agir ma setghax jittollerah ghax fir-'Reception' bil-lejl kellu dejjem ikun hemm bnieden responsabbli. Is-Sur Rota infurmah ukoll li lill-appellant canfru u li kien ukoll sar jaf minn ghand it-tliet impjegati li hargu ma l-appellant li dawn kienu gew sfurzati mill-appellant biex jehodhom id-dar. Ix-xhud qal ukoll li l-appellant kien ukoll cempillu u qallu bl-incident u li xtaq ikellmu. L-appellant kien mar ghandu u meta x-xhud staqsih x'inqala' qallu "Lili Rota ma jahmilnix. L-accounts jidhirlu li ma humiex tajbin," u ghal dan ix-xhud wiegbu, "Nerga' nirripetilek li l-accounts ghandek taghmilhom kif jghidlek hu u mhux kif tixtieq int," izda x-xhud wrieh li lest jara jekk kienx hemm possibilita' li jergghu jirrevedu d-decizjoni; saret laqgha Ghawdex fejn kien hemm prezenti s-Sur Rota, l-appellant, is-Sur Hili tad-dipartiment tax-Xoghol u x-xhud li sema' lis-Sur Rota jghid fuq id-dipartament hazin ta' l-appellant li kien qed juri certa sfida lill-Management u l-issubalterni, li l-appellant kien qed jilbes disutli quddiem il-klijenti, li kien qed jinjora l-ordnijiet

tieghu fuq l-accounts u li dan l-agir ma setax aktar jigi tollerat ghax kien ta' ezempju hazin anki ghall-ohrajn. Meta l-appellant cahad dawn l-akkuzi s-Sur Rota staqsih l-ghala ma jattendix il-"meetings" l-appellant wiegbu "ghaliex dawn il-meetings jien ma narahomx importanti" u meta s-Sur Rota rega' staqsih l-ghala inqas ma kien mar meta talbu biex jiddiskuti l-kuntratt mal-Hotel Tours, l-appellant wiegbu "X'jinteressani l-kuntratt, dak mhux xoghli." Ix-xhud zied jghid li l-appellant tilef ftit rasu u s-Sur Rota hass li ma kienx hemm x'taghmel xejn ghax l-appellant inqas ried jitlob skuza, u l-ftehim sfratta.

Is-Sur Anton Mili. Ikkonferma l-ittra tieghu li kien bghat lis-Sur I. Rota bid-data taz-17 t'Ottubru 1979 u li hu kien iltaqa' mal-Avukat V. Falzon, is-Sur Rota u l-appellant biex jippruvaw iressqu l-partijiet lejn xulxin izda l-attentat falla. L-ittra taz-17 t'Ottubru kienet biex tinforma lil min ihaddem li jiehu lura lil min kecca jew inkella jaghti r-ragunijiet tieghu. Ix-xhud ikkonferma wkoll it-twegiba li ta s-Sur Rota ghal din l-ittra li kienet iggib id-data tat-22 t'Ottubru 1979 u ftakar li fil-laqgha li kienet saret mas-Sur Rota, Dr V. Falzon u l-appellant, l-appellant weza xi kliem ftit offensiv fuq is-Sur Rota, li l-appellant qal ukoll li hu ma jimpurtahx mill-kuntratti tal-Kumpanija.

Signor Italico Rota. Mistoqsi mis-Sur J. Debono Grech x' geghlu li kecca lill-appellant, ix-xhud wiegeb li l-appellant kien impjegat mal-lukanda, emigra l-Kanada u meta gie lura kien kiteb biex jidhol lura. Minkejja li ma kienx hemm post ikkrejaw post gdid proprju ghalih; fil-bidu kien kuntent bih, billi qatt ma kellu esperjenza bdew jaghlmuh, ma kienx hazin inqas tajjeb hafna izda minghajr raguni ta' xejn ma bediex jifhem jew jaccetta dak li l-'management' beda jghidulu biex jaghmel.

/11. .....

Bdew jghidulu x'inhi organizzazzjoni u li kien il-'General Manager' li kien responsabbli ghat-tmexxija izda mhux biss il-'General Manager' kellu bzonn ohrajn li jsegwuh u s-Sur Rota qallu wkoll li f'dak li ma jaqbilx seta' imur jiddiskuti mieghu. Kitiblu ittra ta'twissija ghax kien hemm hafna zbalji li qabduhom l-awdituri. Ix-xhud kien imur Ruma u wara l-laqghat hemmhekk kien jigi hawn u jittrasmetti lill-kapijiet u l-istaff x'kien gie diskuss u x'ghandu jsir; kulhadd kien jaccetta s-sistemi godda barra l-appellant, darba meta wiehed li kien jahdem taht l-appellant qallu li s-Sur Rota ma riedux jaghmel hekk - l-appellant wiegbu li kellu jaghmilha kif irid l-appellant, minkejja li kellu l-ordnijiet tax-xhud . Fl-opinjoni tax-xhud din kienet insubordinazzjoni u wara tah it-tieni twissija talli ma bedix jobdi l-ordnijiet. Ix-xhud qara l-ittra (Dok.F) li ggib id-data tat-18 ta' Mejju 1979 li fiha wissih u fethulu ghajnejh fuq hafna nuqqasijiet li l-appellant seta' jikkoregi u spicca b'dawn il-kelmiet "Mi sono dovuto rivolgere a te in modo amichevole, ma tieni ben presente che non ci sara' una prossima volta. La 'prossima volta' sara' un tuo definitivo commiato con l-Hotel Ta' Cenc di Gozo e con l-Hotel Operators Ltd." Ix-xhud qal li hu kien ikollu hafna laqghat mal-istaff u kien jisma' wkoll x'kellhom idejat huma. L-appellant qatt hlief darba jew tnejn attenda u darba hareg wara hames minuti ghax qal li ried imur ghand il-barbier. Dawn kienu affarijiet li hu bhala 'General Manager' ma setax jittollerahom. Kien hemm kaz meta ic-'Chef' taljan kien jaghmel telefonati privati u l-appellant minflok ma jiccargja lic-'Chef' jiccargja l-Hotel. Din kienet irresponsabilta', l-istess bhal meta kien ukoll jaghmel discounts lic-Chairman tal-Kumpanija minghajr biss ma jiktibhom fuq ic-chits - dan fl-opinjoni tax-xhud kien mhux biss insubordinazzjoni imma irresponsabbilta kbira ghax l-isem tal-lukanda kellu jigi qabel kollox u bhala

General Manager ma setax ihalli li jiehdu l-impressjoni li hu kien qed ihalli lil kulhadd jaghmel dak li jrid. Darb'ohra ra lill-appellant imur f'karrozza tal-kiri fil-hdax ta' bil-lejl biex jiehu membri ta' l-istaff id-dar u halla r-'Reception' f'idejn porter ta' 18/19-il sena li inqas ma kien jaf kelma bl-ingliz meta l-lukanda kienet mimlija nies. Il-karrozza inqas biss ma kienet 'insured'. Dan ukoll fl-opinjoni tax-xhud kienet irresponsabilta' kbira. Ix-xhud cahad li hu kien qal lill-appellant biex jiehu 'baby sitter" id-dar u jekk le jitkecca, u li l-appellant kien jghid lill-shabu tar-'Reception' li hu kien irid il-muzika sal-11.00 p.m. u li l-appellant ukoll kien jidhol fil-kmamar tal-klijenti jara t-'television' u jpejjep meta kien suppost ikun fir-'Reception', li kien juri disrispett versu l-Management ghax kien jghid li hadd ma kien jaf xejn hliefu, kien juri rresponsabilta' ghax ma kienx jobdi l-ordnijiet u l-istruzzjonijiet,li kien jilbes disutli u li hu personalment kien gibidlu l-attenzjoni ghal dan in-nuqqas u li meta darba ghaddielu rimarka fuq il-qmis, l-appellant wiegbu "ixtrili wahda" u fil-fatt xtawlu glekk u qalziet biex ikollhom il-pjacir jarawh liebes sura fil-'Front Office' li kienet wahda mis-sezzjonijiet l-aktar importanti.

Is-Sur Sammy Rapa qal li ghall-habta ta' Ottubru/Novembru, 1978 ghal xi 7.30p.m. meta kien duty r-restaurant kien mar ir-'Reception' fuq xoghol, kien hemm l-appellant u dan qallu kliem li fissru "dak il-bastard taljan" ix-xhud staqsih ghal min kien qed jghid u l-appellant wiegbu "ftit granet baqghalu siehbek", staqsih ghal min kien qed jghid u dan qallu 'Rota'. Din il-konversazzjoni ma kien qalha lil hadd ghax ma riedx jaghmel hsara izda kellhu jghidha ftit qabel ma spicca l-appellant. Zied jghid li meta hu kien jipprova jzomm id-dixxiplina lill-'waiters' qallu "jekk inti ssostni did-dixxiplina u jidhirlek li hi daqstant bzonnjuza, kif l-'assistant front office manager' (l-appellant) dejjem jaghmel li jrid, dixxiplina ta' xejn u

mhux presentabbli ghal quddiem in-nies?" Ftakar ukoll meta f'okkazzjoni ohra kellem lill-appellant ras imb'ras u pprova jiftahlu ghajnejh, qal ukoll li f'okkazzjoni ohra meta mar fir-'Reception' biex jiccekkja ic-'chits' u l-appellant qabad ic-'chits' u qattaghhom quddiem zewg tfajliet u zewg guvintur. Qal li s-Sur Rota kien bniedem li wiehed seta' jiddiskuti mieghu u kienu jsiru laqghat spiss li l-istaff u li dawn kienu importanti hafna dawn il-laqghat kienu jsiru ghal xi 10.00 a.m. u 11.00 a.m., li l-personal kien jiekol kwazi l-istess ikel tal-klijenti u li l-appellant kellu l-awtorita kollha li jidhol fil-kcina jsajjarlu u jiehu d-diserta wkoll. Darba kellu jkecci lill-appellant mir-restaurant ghaliex ma kienx presentabbli u li hu kien gieli qallu biex jilbes sewwa u kkonferma li darba l-appellant qatta l-ktieb tar-'restaurant' meta ma kienx wasal biex jitqatta u li meta giet introdotta s-sistema il-gdida tar-'restaurant control sheet' l-appellant qal li dak ma kienx xogholu.

<u>Is-Sur Joseph Camilleri</u> qal li l-appellant kien ihobb jghaddi hafna kummenti fuq l-ordnijiet li kien johrog il-Management. Ikkonferma rapport tieghu lill-Manager li kien ghamel fit-28 ta' Marzu 1978 (Dok.'D') fuq 'missing foreign exchange' ghax l-appellant ma riedx jobdi l-ordnijiet bil-miktub f'dan ir-rigward u inqas halla lil ta' tahtu s-Sur F. Tabone. Minkejja li kulhadd kellu jobdihom. Meta x-xhud kien kemm-il darba jigbed l-attenzjoni ghal xi haga kien iwiegbu 'jien ix-xoghol naf kif ghandu jsir' u kien ukoll jghid 'jien ghandi l-ordnijiet minn Ruma u xi darba semma lil Longo.' Fuq is-Sur Rota ix-xhud qal li kien bniedem li jaccetta suggerimenti u li l-personal kien trattat tajjeb. Lill-appellant kemm-il darba qallu jew biex jaqta' xagharu, jew jaghmel xaghru sewwa, jew idahhal il-qmis sewwa ghax il-qalziet kien ihallih taht zaqqu. Qatt ma kien awtorizza

lill-appellant biex jaghti 'discounts' lil xi hadd izda l-appellant kien jaghmilhom u kien tah ordni li xi korrezzjonijiet kellhom isiru bis-sistema kif jitolbu l-'accounts' izda dan ma kienx jobdi. Ix-xhud ikkonferma dokument fejn jidhru li 'entries' kienu jidhru izjed tard milli kellhom jidhru u li dawn l-affarijiet tjiebu minn mindu telaq l-appellant. Ghall-mistoqsija l-ghala ix-xoghol ta' l-appellant hemm tlieta minn nies jaghmluh ix-xhud wiegeb li qed jaghmlu wiehed izda mhux dejjem l-istess wiehed biex kulhadd ikun jaf ix-xoghol.

Is-Sur Frankie Bajada ikkonferma li l-appellant kien oggezzjona ix-xhud kien icempel il-Billy Garage biex jivverifika l-kontijiet, kien joggezzjona ukoll li jirregistra il-'foreign exchange' appena jircevha u ma kienx ihallih jirregistraha. Qal li l-appellant ma kienx jobdi l-ordnijiet tal-'Management' u li hu (ix-xhud) kien jigbidlu l-attenzjoni.

Is-Sur Frans Tabone qal li l-appellant kien kwazi dejjem jaghti kunfidenza lill-'porters' li meta darba mar biex jitfi l-muzika fil-11.00 p.m. ghax hekk kellu l-ordni, l-appellant ma hallihx ghax qallu li hu kien ihobb il-muzika u ta' dan is-Sur Rota iccekjah. Gie li l-appellant qal lix-xhud biex ma jobdihomx. Gie li qallu biex inehhi l-ingravata ghax ma hemmx bzonn, meta tohrog xi ordni jghaddi xi kumment u l-maggoranza ma jobdihomx bhal tal-'foreign exchange', tal-'porters' u li gie li kwazi bikkieh.

Miss Doris Sciberras ikkonfermat ir-rapport taghha fejn sabet diskrepanzi fil-paganenti tat-telephone li kien jghid hekk a) "I am aware that on the 3rd of May a telephone call made by Sandro Dechiara (see Tel. Book Page 43) was charged on clients Rossi-Pogliani and Annette Scicluna brought this irregularity to Joseph

Mercieca's attention, but he persisted on the charge.

b) I am also aware that another telephone call made by Sandro Dechiara on the 10th May (See Tel Book Page 46) was charged on clients Devita and Minelli as per instructions received by Joe Mercieca." Qalet li s-sistemi tal-accounts mexjin sewwa u hemm izjed kontroll. Ma ftakretx li l-appellant kien jiddisubbedixxi u li kien hemm rispett lejn il-Management.

Is-Sur Joseph Vella ikkonferma r-rappor t tieghu (Dok.E) .lis-Sur Zammit u zied li dak in-nhar l-appellant kien dahal fil-kamra jara t-television ghax hu kellu l-'master key' u li hu kien jidhol fil-kamra Nru 2 u gieli sabuha b'xi frak. Qal ukoll meta ra lill-appellant f' karrozza tal-klijenti u halla r-'Reception' mal-porters li kienu zewgt itfal. Bi twegiba ghall-mistoqsija x-xhud qal li l-appellant dejjem wahdu kien ikun jara t-television fil-kamra.

Is-Sur John Zammit qal li kien is-Sur Rota li nteressa ruhu u rega' dahhal lill-appellant mal-lukanda bhala 'night auditor' wara li l-appellant kien gie lura mill-Kanada fejn kien emigra. L-appellant kellu r-responsibbiltajiet tieghu u ghall-bidu ma kienx hemm ilmenti fuq ix-xoghol tieghu izda ma damux ma bdew meta fl-account tas-sena 1975 ma gewx misjuba il-'bills' kollha u r-responsabbilita finali ghal dawn kienet ta' l-appellant. Beda ma jippancjax u kellu diversi twissijiet fuq dan il-kont sa meta l-Management qallu biex ma jippancjax. Ix-xhud qal li l-appellant ma kellux setgha li jaghti 'discounts' ghax din kienet responsabbilta biss tal-General Manager u b'dan kollu kien beda jaghti dawn id-'discounts.' Kien ukoll nuqqas u jzid prezzijiet kif deherlu hu u ta' dan ipprezenta dokument. Ta' sikwit uhud mir-'receptionists' kienu jigbdu l-attenzjoni tax-xhud u tas-Sur Rota u tas-Sur Camilleri dwar l-imgieba ta' l-appellant u darba

meta x-xhud stess qallu biex ma jigix bil-qris inqatta', l-appellant wiegbu 'ixtrili wahda u nibdilha'. Kien ukoll jigbidlu l-attenzjoni tieghu fuq il-mod ta' lbies li kien jigi bih ghax l-ilbies kien ta' mportanza fir-'Reception' u anke ir-restaurant manager kien joggezzjona ghall-presenza ta' l-appellant fir-restaurant mhabba l-ilbies tieghu. Qal ukoll li r-rispett ta' l-appellant lejn il-Management ma kienx jezisti tant li s-Sur Rota informa liz-zewg rapprezentanti tad-ditta li kienu hawn b'dak kollu li kien qed jigri. Ix-xhud ipprezenta kopja ta' ittra mis-Signor Longo lill-appellant fejn kellmu car fuq ir-responsabiltajiet u d-dmirijiet. Ix-xhud stess kien ukoll kellem lill-appellant halli jibdel l-attitudni tieghu u wissieh li l-ordnijiet tal-Management kienu hemm biex jigu obduti izda minkejja d-diversi twissijiet tax-xhud l-appellant ma biddilx it-triq li kien qabad u flok li rranga izjed kompla jitgharraq. Minkejja dan ix-xhud qal li dejjem qabez ghalih u kull tama li l-affarijiet jirrangaw spiccat meta s-Sur Rota ircieva l-ittra taz-17 t'Ottubru 1979 mid-Dipartiment tax-Xoghol.

<u>Sottomissjonijiet finali</u>. <u>Ghall-appellant is-Sur Joe Debono Grech, M.P.</u> issottometta li x-xhieda qalu l-istess affarijiet pappagalleskament. Hu personalment kien jaf lill-appellant mill-1971 bhala ragel ta' l-affari tieghu u kien wiehed milli kien jahdem u jinsisti ghall-shabu. Hadem hafna meta kien mas-Sokomar kumpanija taljana u ghamel xoghol tajjeb hafna maghhom u mal-Union. Ma Ta' Cenc illum jghidulu 'inti in charge' kif intqal fix-xhieda imbaghad jibdlulu regolarment dak li kien jaghmel hu, u jekk kien ikun hemm hu bil-lejl kif setghu jghidulu taghmilx hekk jew ma kellekx taghmel hekk - hekk kien qed jigri li wiehed jghidlu mod u l-iehor jghidlu iehor. Il-Personnel Manager ma qal xejn fix-xhieda hlief li dejjem ghen lill-appellant. Qal ukoll is-

Sur Joe Debono Grech, M.P. li xhud iehor ikkontraduci ruhu u dan kien wiehed li kellu erba' hutu jahdmu l-lukanda, sostna wkoll li fil-lukanda kien hemm pressjoni biex il-haddiema ma jidhlux fil-General Workers' Union u li l-appellant kien jikkomplejnja fuq dan ma kellux jigi mkecci biex issa x-xoghol tieghu qed jaghmluh hamsa minn nies. Il-Management, f'daqqa wahda qabdu ma' l-appellant u riedu jaraw kif jehilsu minnu u qalu hafna affarijiet li ma kienux veri, qalu li ma kienx nizzel certi figuri u dan ma kienx minnu ghaliex kull ma kien ghamel kien nizzilhom fl-ahhar; l-appellant qatt ma kien seraq, l-incident tal-karrozza ma kien veru xejn, bil-lejl kien suppost li jikkmanda l-appellant izda meta l-manager ma jaqbillux l-appellant ma kellux setgha jikkmanda. Ix-xhieda kollha li telghu jixhdu hadd minnhom ma qal li l-appellant ma kienx tajjeb, hemmhekk kif qalu x-xhieda illum tohrog ordni u l-ghada tinbidel. L-awdituri ma sabux li l-appellant serfex, l-ebda awditur jew rapport ta' awdituri ma jghid li l-appellant kien seraq u waqt li kien minnu li kien hemm ordni li hadd ma kellu jaghmel 'discounts' dawn l-affarijiet hemm kienu jsiru u x-xhieda kienu kollha xhieda tal-impjegati bhal dik ta' wiehed li ghandu erba' hutu jahdmu hemm. Kien minnu li l-appellant kien igorr imma kulhadd igorr - mela possibbli li kollox tajjeb li johrog il-'management' u r-rekord ta' l-appellant kemm mas-Socomar u kemm ma Ta' Cenc kien nadif ma kienx veru dak li ntqal fuq l-appellant u dan ma kien ghamel xejn li jiggustifika tkeccija anki meta l-appellant ma kienx imur il-laqghat tal-Management. Dan kellu d-dritt kollu li ma jmurx ghax dawn kienu jsiru f'hin li kien ifettilu s-Sur Rota filghodu u l-appellant kien jahdem bil-lejl. Kien hemm wahda biss mix-xhieda li verament qalet kif hasset u li s-Sur Rota kien mgharraf tant li anke d-Dipartiment tax-Xoghol kien gibidlu l-attenzjoni fuq ir-relazzjonijiet industrijali mal-haddiema.

/18. .....

Dan ipprova jizvija anki lit-Tribunal u anki meta kitiblu d-Dipartiment tax-Xoghol dan baqa' jwebbes rasu u kien ghalhekk li l-appellant ried jigi quddiem it-Tribunal u kien ghalhekk li qed jitlob li jigi mhallas tal-hsara li gralu, jigi moghti somma ta' flus bhala kumpens ghat-telf li garrab.

<u>Ghall-Hotel Ta' Cenc</u> <u>is-Sur John Francis Zammit</u> issottometta li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant kienet ghal ragunijiet gusti u sufficjenti bazati fuq il-principji fuq ir-rakomandazzjoni ta' l-'International Labour Organisation' li tghid "the basic principle is that termination of employment shall not take place unless there is a valid reason for termination connected with the capacity or conduct of the worker or based on the operational requirements of the enterprise." L-appellant mhux ma vvolontarjax ix-xhieda tieghu izda x-xhieda li tella', is-Sur Hili tad-Dipartiment tax-Xoghol, u s-Sur Rota, il-General Manager tal-Hotel, ma swewhx ta' gid fix-xhieda taghhom, wiehed ikkonferma li l-appellant kien qal li ma jimpurtahx mill-kuntratti tal-lukanda u l-iehor ikkonferma diversi kazi ta' insubordinatezza ta' dan l-impjegat u zied jghid li <u>fis-6 ta' Mejju 1977</u> kien kitiblu ittra fejn wissuh bil-mankanzi tieghu u spjegalu r-ragunijiet taghhom. Qal ukoll li kien hemm okkazzjoni meta l-appellant qal lill-impjegat iehor "you are working with me not with Rota. You have to do what I say." Is-Sur John Zammit sostna li minflok li l-appellant ha l-ittra ta' twissija ta' Mejju 1977 bis-serjeta' u biddel triqtu, kompla jisfida lill-Management quddiem impjegati ohra b'ezempji hziena ta' indixxiplina; kif deher car mix-xhieda l-kawza tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant kienet bazata fuq l-irresponsabbilta' fix-xoghol tieghu, sfida l-ordnijiet moghtija mill-Management kontinwament,

l-imgieba xejn dekoruza f'ilbiesu, kumenti mhux dekoruzi fuq il-General Management, rifjut li jaddotta proceduri ordnati mill-Management, u dak li kien importanti u relevanti f'din il-kwistjoni kien il-fatt li dawn l-atti u ngieba hazina ta' l-appellant ma kienetx xi haga sporadika u dovuta ghal xi atti sporadici,izda kontinwa tal-perijodu twil minkejja l-fatt li l-'Management' wissewh diversi drabi, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub dwar dawn in-nuqqasijiet u saru tentattivi minn diversi persuni biex jghinuh jikkonforma ruhu mad-dixxiplina tal-intrapriza. Sostna s-Sur Zammit li mill-provi li nstenghu kien jirrizulta car li l-licenzjament ta' l-appellant ma kienx dovut ghal decizjoni istantanja izda mhabba r-rizultat ta' perijodu twil u kontinwu ta' insubordinatezza u indixxiplina ta' dan l-impjegat.

<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>. Il-punti ewlenin li t-Tribunal kellu jiddeciedi fuqhom huma:

i) Jekk l-incidenti li elenkat il-lukanda Ta' Cenc graw attwalment;

ii) jekk mix-xhieda jirrizultaw li graw, kienux hekk serji li xi wiehed minnhom, jew ilkoll f'daqqa jikkostitwixxu kawza tajba u gusta ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Joseph Mercieca;

iii) jekk ma grawx, kien hemm fl-imgieba u fl-agir ta' Joseph Mercieca, fil-kwalita' tieghu ta' impjegat importanti, xi haga hekk serja li tiggustifika d-decizjoni tal-Hotel Ta' Cenc li tkeccih;

iv) jekk kienx hemm it-twissijiet mehtiega kemm verbalment u kemm bil-miktub qabel ma gie terminat l-impieg ta' l-appellant Joseph Mercieca.

/20. .....

L-assistent ta' l-appellant irrileva li x-xhieda,barra wahda, kienu kollha qalu l-istess affarijiet fuq l-appellant ghax kellhom interess li jaghmlu hekk izda t-Tribunal ma jistax jittraskura xhieda abbundanti bhal ma kien hawn f'dan il-kaz u jaccetta t-tezi li din ix-xhieda setghet kienet mxengla ghaliex gejja mill-impjegati tas-Sur Rota. Inqas ma jista' jaccetta li l-imgieba ta' l-appellant kienet b'xi mod idejali minkejja l-fatt li forsi din kienet 'bona fide' jekk hekk setghet kienet. Mill-kumpless tax-xhieda jidher car li l-appellant kellu f'rasu li kellu jmexxi hu u mhux il-Management u li r-relazzjonijiet tieghu ma shabu u l-kapijiet ta' sezzjonijiet ohra bhal ir-Restaurant u l-Accounts, ma kienux kif kellhom ikunu. Inqas gha ll-ilbiesu fir-Reception (settur importanti) ma kien joqghod attent. Barra mix-xhieda, il-kontenut ta' dokumenti pprezentati mill-Hotel Ta' Cenc, ma giex michud jew imwaqqa' mill-appellant. Fil-fehma tat-Tribunal in-nuqqasijiet kemm fid-dmirijiet kif ukoll fl-imgieba u l-ilbies ta' l-appellant, kif jidher hafna car mix-xhieda, jikkostitwixxu bazi serja ghat-terminazzjoni ta' l-impieg specjalment f' azjenda bhal lukanda ta' l-ewwel klassi. It-Tribunal ukoll hu sodisfatt li kien hemm bizzejjed twissijiet bil-fomm u bil-kitba qabel mal-Hotel Ta' Cenc waslet li tiehu l-pass estrem tat-tkeccija.

Award

Ghal dawn ir-ragunijiet u l-aspetti kollha tal-kaz, it-Tribunal ma jistax isib favur l-appellant, u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

en